MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1993/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lorenzo sive Renzo Debono (ID:281573M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Lorenzo sive Renzo Debono**

**vs**

**John Farrugia (ID:529746M) u b'digriet tal-15 ta' Novembru, 2004 is-socjeta` MiddleSea Insurance plc (C-5333) interveniet fil-kawza in statu et terminis**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm310.46) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-30 ta' Mejju, 2003, fi Triq F.Geneste, Birkirkara, bejn il-vettura bin-numru LVY-**

**076 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru CBH-214 misjuqa minn u proprjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju, 2004, il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00) excess imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Lorenzo sive Renzo Debono, li kien assikurat taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mis-26 ta' Mejju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Novembru, 2004, fejn intqal:**
**i. Illi fl-ewwel lok huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li ma kienx is-sewwieq tal-vettura LVY-076 fl-incident in kwistjoni u dan peress illi l-vettura tal-konvenut nsterqet.**
**ii. It-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan peress illi hi nfondati fil-fatt u fid-dritt.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' PS201 Sandro Magro, PS430 Andrew StJohn, Renzo Debono, WPC 78 Roslin Ciantar, PC 940 Charles Debattista, Paul Borg, John Farrugia u Josephine Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Illi l-kaz jirrigwarda kolizzjoni illi sehhet fit-30 ta' Mejju, 2003, fit-Triq Geneste, B'Kara. Il-kolizzjoni sehhet bejn il-vettura numru CBH-214 ta' l-attur u l-vettura numru LVY-076 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Il-konvenut qed jghid illi mhux il-legitimu kontradittur peress illi l-vettura tieghu kienet insterqet.**

**3. Jirrizulta illi l-vettura tal-attur kienet parkeggata fit-Triq Geneste, meta l-vettura tal-konvenut baqghet diehla fiha. Il-konvenut John Farrugia jghid illi dakinhar tal-incident kien ipparkja l-vann u dahal jorqod u dan ghal habta tal-4.00 p.m.. Fid-9.00 p.m. habbtulu l-Pulizija u nfurmawh bl-incident. Skond l-konvenut kienu sfurzaw il-lock tan-naha tieghu tal-karrozza. Jghid ukoll illi wara l-incident meta dahal fil-karozza sab li kienet ingranata u l-hand brake kien imnizzel.**

**4. Dak li qed jghid il-konvenut jikkuntrasta drastikament max-xhieda tal-pulizija li investiga l-kaz. Fil-fatt PC940 Charles Debattista, li kien mar fuq il-post, xehed li l-vettura tal-konvenut sabha imsakkra, u meta gie s-sid fetaha, u kien hemm il-handbrake imtella u kienet ingranat. Jghid ukoll li ma sap ebda sinjali ta' sgass.**

**5. Apparti minn din ix-xhieda tal-Pulizija, ma jirrizultax li l-konvenut ghamel xi rapport dwar sgass.**

**6. Ghalhekk mill-kumpess tal-provi, it-Tribunal ma jsib enda raguni l-ghala m'ghandux jaghti affidabilita` ghall-dak li qed jghid PC940 Charles Debattista. Fic-cirkostanzi ma treggix it-tezi tal-konvenut li sgassawlu l-karrozza. Ghalhekk ir-responsabilita` ghall-akkadut taqa' fuq il-konvenut.**

**7. Jirrizulta li l-incident sehh fit-30 ta' Mejju, 2003, u fiz-zmien in kwistjoni l-konvenut kien assikurat ma Fortress Insurance Agency Limited u dan skond ma jirrizulta mid-Dok PB1. Paul Borg jispjega illi dan id-dokument kien hargu fuq talba tal-konvenut u huwa hargu minghajr ma ghamel verifika ma ebda dokument iehor, u dan sar peress illi d-dokumenti kienu ghaddew lil Middlesea Insurance Plc.**

**8. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont pretil skond ma jirrizulta mid-Dok.GMI1 sa GMI6.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lil John Farrugia unikament responsabbli ghal incident illi sehh u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltita u sitta u erbghin centezmu (Lm235.46) u lill-attur Lorenzo Debono is-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltita (Lm75.00) ilkoll bl-imghax legali mis-26 ta' Mejju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------